MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1287/2003

Mobisle Communications Limited

Vs

Mario Grech

Seduta tal-24 ta' Ottubru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm251.18) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill- konvenut skond Client Contract Number 33310 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur bejn Lulju u Novembru 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm251.18), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------